# Il-Kappella ta' Santa Katarina V.M. tat-Torba

*(minn Jeremy Cachia) (it-tieni parti)*

Fin-*newsletter* ta' qabel l-aħħar waħda, konna bdejna nitkellmu fuq il-Qrendi, raħal li flimkien mal-komunitajiet ta' Ħal-Lew u Ħal-Manin, kienu ħaġa waħda mar-raħal taż-Żurrieq. Matul din is-sena qegħdin infakkru l-400 sena minn meta l-parroċċa taħt it-titlu ta' Santa Marija nqatgħet minn dik taż-Żurrieq iddedikata sa minn dejjem lil Santa Katarina tal-Lixandra. Illum ser nitkellmu fuq il-Kappella ta' Santa Katarina V.M. li tinsab fil-Qrendi fil-limiti ta' bejn il-Qrendi u l-Imqabba hekk magħrufa bħala Santa Katarina tat-Torba.



Il-Kappella ta' Santa Katarina V.M. tat-Torba fil-limiti tal-Qrendi

Fis-seklu 16, fl-1575, Mons. Pietro Dusina jsemmi l-Kappella ta' Santa Katarina V.M. fil-viżta pastorali tiegħu. Din kienet ġiet imwaqqa' u profonata fl-1624. Sentejn wara din il-kappella li għandna llum reġgħet ġiet mibnija mill-ġdid minn Beneditto Camilleri kważi fuq l-istess sit fejn kienet l-antika. Mal-kappella kien hemm ukoll ċimiterju. Fil-fatt jista' jkun li minħabba dan iċ-ċimiterju li b'isem Semitiku (Għarbi), ċimiterju jfisser Turba, setgħet ħadet l-isem tal-kappella - Santa Katarina tat-Torba. Il-faċċata ta' din il-kappella hija waħda sempliċi imma daqstant ieħor ħelwa. Fuq il-bieb tal-faċċata hemm entablatura sabiħa u din qegħdha tistrieħ fuq 2 mensoli b' 2 t'itwieqi żgħar fil-ġnub. Fuq ġewwa, s-saqaf għandu forma ta' troll b'arkitettura sabiħa mmens. Il-kwadru tal-artal imdawwar b'anġli u ornamenti oħra skolpiti fil-ġebla. Il-pittura ta' Santa Katarina V.M. għandha xebħ mal-kwadru titulari l-antik tal-Knisja Arċpretali taż-Żurrieq – dak ta' Matteo Perez D'Aleccio. Santa Katarina tidher fin-nofs tal-kwadru liebsa ta' prinċipessa - bint nobbli b'ħarsitHa fis-smewwiet, bir-rota fejn saqajHa s-simbolu tal-martirju tagħHa. F'id waħda għandHa l-ktieb is-simbolu tal-għerf u fl-oħra qiegħdHa żżomm is-sejf li biha ħadet il-martirju aħħari tagħHa. Puttin żgħir jidher nieżel mis-sema bid-dijadema u l-palma tar-rebħa f'idejh. Isfel tal-kwadru hemm 2 figuri żgħar ta' mara u ta' raġel għarkopptejhom; figura fuq kull naħa. Dawn jistgħu jkunu l-benefatturi tal-kwadru. Taħt dan il-kwadru hemm artal tal-ġebel. Fil-faċċata nsibu 2 armi waħda ta' Santa Katarina V.M. u l-oħra tal-martri b'salib skolpit bejniethom. Statwa sabiħa tar-Redentur tinsab miżmuma f'din il-kappella fejn din is-sena sar pellegrinaġġ biha miż-Żurrieq sal-Qrendi fl-okkażjoni speċjali liż-żewġ parroċċi qed jiċċelebraw.



L-artal bil-pittura ta' Santa Katarina V.M. bl-arkitettura sabiħa li żżejnu

Għal diversi sekli l-Qrendin kienu jħarsu lejn Santa Katarina V.M. bħala l-patruna tagħhom ukoll. Hija ħaġa naturali li d-devozzjoni bikrija lejn Santa Katarina V.M. hija f'qalb il-Qrendin. Xhieda ta' dan sejrin naraw 2 pitturi oħra tal-qaddisa Katarina li jinsabu f'2 kappelli oħra Qrendin. Dawn se nippubblikawhom fil-ħarġiet tan-newsletter li jmiss.

Referenzi:-

http:// kappellimaltin.com/ Il-Kappelli/SantaKatarina_tat-Torba



***Il-Kumitat Ċentrali***
***tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M.***
***flimkien mas-Sotto Kumitati***
***u l-Bord Editorjali***
***jawguraw Milied Hieni u sena mimlija risq.***